MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2979/2002

**Biosphere Limited**
**vs**
**Paul Cutajar**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u disgha u sittin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm569.62), rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjguha lill-konvenut ghan-negozju tieghu ta' spizerija, liema somma hija dovuta:

a) kwantu ghal Lm48.46,0 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 1 ta' Marzu 2002;
b) kwantu ghal Lm108.50,0 skond fattura datata 5 ta ' April 2002;
c) kwantu ghal Lm108.40,0 skond fattura datata 24 ta' April 2002;
d) kwantu ghal Lm95.04,0 skond fattura datata 6 ta' Mejju 2002;

e) kwantu ghal Lm47.65,0 skond fattura datata 28 ta' Gunju 2002;
f) kwantu ghal Lm50.67,0 skond fattura datata 2 ta Lulju 2002;
g) kwantu ghalLm57.12,0 skond fattura datata 8 ta' Lulju 2002, u;
h) kwantu ghal Lm53.78,0 skond fattura datata 9 ta Lulju 2002, u dan kollu skond kif indikat fuq prospett li kopja tieghu huwa anness mal-avviz tat-talba u mmarkat bhala dok "A".

Bl-ispejjez tal-avviz tat-talba u ta' l-ittra nterpellotorja datata 20 ta' Novembru 2002 (kopja dok "B") u bl-imghaxijiet skond l-oghla rata permessibbli mill-ligi, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezenta risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Avv Dr Luigi Sansone jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu ma thallasx.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bi-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------